GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRASVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Ref:** **DDLTS 10/2025**

**Minn:** **Dr. Omar Seguna – Uffiċjal Edukattiv tal-Litteriżmu Diġitali**

**Għal:** **Diretturi Generali**
**Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni**
**Chairpersons/Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija**
**Diretturi/Assistenti Diretturi**
**Kapijiet tal-Kulleġġi**
**Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat**
**Uffiċjali Edukattivi/Kapijiet tad-Dipartiment**

**Suġġett:** **Aċċess b'xejn għal Adobe Express u Firefly għall-utenti kollha tal-iLearn**

**Data:** **26 ta' Mejju 2025**

---

Id-Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali huwa impenjat li jipprovdi lill-edukaturi u lill-istudenti bl-għodod meħtieġa biex jiżviluppaw il-kreattività u l-innovazzjoni, u biex iħejjijhom għal ġejjieni kkaraterizzat mill-intelliġenza Artifiċjali u teknoloġiji emerġenti oħra.

B'referenza għaċ-Ċirkulari DDLTS 30/2023, id-Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali jixtieq jinforma li Adobe Express issa huwa disponibbli mingħajr ħlas għall-edukaturi u l-istudenti kollha f'Malta u Għawdex li għandhom kont attiv tal-iLearn.

Adobe Express huwa pjattaforma cloud-based li tippermetti lil dawk kollha li jużawh li joħolqu u jeditjaw ritratti u dokumenti b'mod sempliċi u effiċjenti. Maħsub biex tkun aċċessibbli għal utenti ta' kull livell ta' ħila, il-pjattaforma toffri firxa wiesgħa ta' għodod intuwittivi u templates li jistgħu jiġu personalizzati skont il-ħtiġijiet individwali. Din il-pjattaforma hija maħsuba għall-iżvilupp ta' kontenut ta' kwalità għolja u professjonali mingħajr il-ħtieġa ta' għarfien avvanzat fid-disinn.

Minbarra l-ħila li jinħolqu posters, flyers, infografiji u kontenut viżiv ieħor, Adobe Express joffri firxa ta' funzjonalitajiet qawwija li jsaħħu l-versatilità u l-utilità tiegħu f'kuntesti edukattivi. Dawn jinkludu għodod biex jikkonvertu u jeditjaw fajls PDF, jibdlu d-daqs ta' immaġini, kif ukoll joħolqu logos u kartolini permezz ta' funzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, l-utenti jistgħu jikkonvertu fajls għal GIFs, jgħaqqdu, jibdlu d-daqs, jaqtgħu u jnaqqsu vidjows, kif ukoll jikkonvertu fajls għal formati bħal MP4, JPG, PNG u PDF. Il-pjattaforma tippermetti wkoll li jinħolqu immaġini, jinħolqu collages, vidjows qosra, jingħaqdu fajls differenti u jiġu organizzati paġni fi ħdan dokumenti, u b'hekk Adobe Express isir pjattaforma versatili kemm għall-komunikazzjoni viżiva kif ukoll għall-immaniġġjar ta' kontenut diġitali.

Adobe Express jista' jiġi aċċessat permezz ta' new.express.adobe.com/ u l-utent huwa mitlub jilloggja bil-kont iLearn. L-edukaturi mbagħad ikollhom jagħżlu "Company or school account" u jidħlu bħala edukaturi. Mehmuża ma' din iċ-ċirkulari għandkom issibu pass pass kif wieħed jista' jaċċessa l-Adobe Express.

Barra minn hekk, Adobe Firefly jista' jiġi aċċessat direttament permezz tal-link firefly.adobe.com. Din hija għodda qawwija u innovattiva li tippermetti lill-edukaturi u lill-istudenti jiġġeneraw immaġini bl-intelliġenza artifiċjali b'mod sigur u kontrollat.

Il-kapijiet tal-iskejjel huma mħeġġa sabiex jippromwovu l-użu ta' Adobe Express u Adobe Firefly fl-iskejjel tagħhom, u jibqgħu infurmati dwar is-sessjonijiet ta' żvilupp professjonali offruti mit-tim tagħna għall-Litteriżmu Diġitali.

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali**